# LIL DUN MIKIEL ZAMMIT

S.Th.L., Ph.B., A.R.Ph.S.,
FL-EWWEL QUDDIESA SOLENNI
IL-ĦADD 17 TA' APRIL 1966
FIL-MATRIĊI TA' SAN ĠORĠ MARTRI
BELT PINTO

*Ta' ĠUŻE' CARDONA*

X'ferħ illum nilmaħ jiddi fuq wiċċek,
Fuq wiċċ niesek, il-ħbieb, DUN MIKIEL;
Ferħ Qaddis, għax ġibtilna mis-Sema
L-akbar Barka, tas-Sliema kull ħjiel.

Ferħ Qaddis: għax Qassis Kristu ieħor,
Biex ixerred kull grazzja fuq l-art;
Biex iwiddeb, igħasses l-Insara,
Biex ifejjaq ta' ruħna kull mard.

L-akbar Barka: għax l-għana tad-dinja
Ma jiswiex ħdejn il-ġid tal-Qassis;
Bik id-dinja tistagħna, titqaddes,
Kull ma torbot u tħoll Alla jqis.

L-akbar Sliema: mingħajrek did-dinja
Tisfa' mjassra tad-dnub minn kull xkiel.
Għalhekk jifraħ, Ħal Qormi, fl-Għid tiegħek,
Jara l-Barka w is-Sliem f'DUN MIKIEL!

Qormi, 13 ta' April 1966.